KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' April 2007

dwar l-għajnuna mill-istat N 575/04, implimentata minn Franza favur Ernault, kif ukoll il-miżura Ċ 32/05 (ex N 250/05) imsemmja fi proċedura skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1405)

(It-test bil-Franċiż biss hu awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/674/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62 (1)(a) tiegħu,

Wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skond dawn l-Artikoli [1], u wara li ġew ikkunsidrati dawn il-kummenti,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

(1) B'Deċiżjoni ta' l-20 ta' Jannar 2005 [2], il-Kummissjoni awtorizzat lil Franza biex tagħti għajnuna għas-salvataġġ favur l-impriża Ernault. L-għajnuna kienet tikkonsisti f'self ta' 2 miljuni Ewro b'rata ta' interessi ta' 4.43 % u għal tul ta' żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur mill-ewwel trasferiment tas-somom mislufa lill-impriża. Skond l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi, din l-għajnuna ġiet implimentata fl-14 ta' Frar 2005.

(2) B'ittra tad-19 ta' Mejju 2005, irreġistrata għand il-Kummissjoni fit-23 ta' Mejju 2005, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea bl-intenzjoni tagħha li tagħti għajnuna għar-ristrutturar ta' 2 miljuni Ewro lill-impriża Ernault. Il-każ ġie rreġistrat taħt in-numru N 250/2005. B'ittra tat-2 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni għamlet mistoqsijiet addizzjonali rigward in-notifika, li għalihom Franza rrispondiet b'ittra fit-12 ta' Lulju 2005.

(3) B'ittra tas-6 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni infurmat lil Franza bid-deċiżjoni tagħha li tibda' l-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat fir-rigward tal-miżura notifikata msemmija fil-premessa (2). Din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* [3]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura kkonċernata.

(4) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-awtoritajiet Franċiżi, irreġistrati fis-16 ta' Novembru 2005, fis-16 ta' Mejju 2006, fid-29 ta' Ġunju 2006, fl-24 ta' Lulju 2006 u fil-21 ta' Settembru 2006. Saru laqgħat bejn l-awtoritajiet Franċiżi u s-servizzi tal-Kummissjoni fit-3 ta' Lulju 2006 u fis-26 ta' Ottubru 2006.

(5) B'komunikazzjoni tat-13 ta' Diċembru 2006, irreġistrata għand il-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru 2006, l-awtoritajiet Franċiżi informaw lill-Kummissjoni li l-impriża Ernault kienet tinsab fi proċedura ta' falliment u li kienu ser jirtiraw in-notifika ta' l-għajnuna għar-ristrutturar.

(6) B'komunikazzjoni tat-2 ta' Marzu 2007, irreġistrata għand il-Kummissjoni fil-5 ta' Marzu 2007, l-awtoritajiet Franċiżi informaw lill-Kummissjoni li fit-13 ta' Settembru 2006 kienu ddikkjaraw il-pretensjoni dwar l-għajnuna għas-salvataġġ għand l-amministratur ġudizzjarju responsabbli mill-fajl Ernault.

[1] ĠU C 324 21.12.2005, p. 23.
[2] ĠU C 16, 21.1.2006, p. 21. Każ Nru 575/04 – Għajnuna għas-salvataġġ favur l-impriża Ernault.
[3] Ara n-nota f'pana nru 1.

2. **RIGWARD L-GĦAJNUNA GĦAS-SALVATAĠĠ**

(7) Bid-deċiżjoni tagħha ta' l-20 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-self ta' 2 miljuni Ewro kien kompatibbli mas-suq komuni bħala għajnuna għas-salvataġġ fis-sens tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà [4] (minn issa 'l quddiem "il-linji gwida"). Din l-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq ir-rispett ta' ċerti kondizzjonijiet u speċjalment fuq l-impenn ta' l-awtoritajiet Franċiżi li jissottomettu lill-Kummissjoni pjan ta' likwidazzjoni, pjan ta' ristrutturar jew il-prova li s-self ġie rimborsat kollu kemm hu, f'terminu ta' sitt xhur mill-awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna mill-Kummissjoni.

(8) Huwa minnu li l-awtoritajiet Franċiżi nnotifikaw pjan ta' ristrutturar lill-Kummissjoni fid-19 ta' Mejju 2005, jiġifieri fis-sitt xhur mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, dawn l-istess awtoritajiet wara rtiraw in-notifika.

(9) In-notifika lill-Kummissjoni ta' pjan ta' ristrutturar hija kondizzjoni neċessarja għall-estensjoni tal-perjodu tar-rimborż tas-self, kif previst fil-punt 26 tal-linji gwida. B'konsegwenza ta' dan, meta pjan notifikat jiġi rtirat, l-estensjoni tat-terminu ma tistax tkun iktar mid-data ta' l-irtirar, u s-self isir immedjatament rimborsabbli.

(10) Il-Kummissjoni tinnota barra minn dan li l-awtoritajiet Franċiżi ma tawhiex il-prova tar-rimborż tas-self, u lanqas ma kkomunikawlha pjan ta' likwidazzjoni ta' l-impriża. B'hekk, l-ebda waħda mill-kondizzjonijiet meħtieġa għall-estensjoni tat-terminu prevista fil-punt 26 tal-linji gwida ma ġiet sodisfatta.

(11) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tinnota li s-self mogħti mill-awtoritajiet Franċiżi lil Ernault bħala għajnuna għas-salvataġġ huwa inkompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tal-linji gwida, u dan mill-14 ta' Diċembru 2006, id-data ta' l-irtirar tan-notifika tal-proġett ta' għajnuna għar-ristrutturar. Barra minn dan, il-Kummisjoni tikkunsidra li l-għajnuna ma tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni fuq bażi ġuridika oħra. Is-self mogħti bħala għajnuna għas-salvataġġ għandu għalhekk jiġi kkunsidrat bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli safejn din hija estiża aktar mill-14 ta' Diċembru 2006 u, għaldaqstant, għandha tiġi rkuprata minn Franza mingħand il-benefiċjarju, Ernault,

(12) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Franċiżi ħadu bħala ddikjarata l-pretensjoni dwar l-għajnuna għas-salvataġġ li saret lill-amministratur ġudizzjarju responsabbli mill-fajl tal-proċedura ta' falliment ta' Ernault,

3. **RIGWARD L-GĦAJNUNA GĦAR-RISTRUTTURAR**

(13) Il-Kummissjoni tinnota li skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, dwar regoli dettaljati ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE [5], l-Istat Membru kkonċernat jista' jirtira n-notifika tiegħu f'kull ħin qabel ma l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar l-għajnuna. Fil-każ fejn il-Kummissjoni tkun diġà bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni għandha tagħlaq dik il-proċedura.

(14) B'konsegwenza ta' dan, ikun xieraq li tingħalaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa bid-deċiżjoni msemmija diġà tas-6 ta' Settembru 2005, li minħabba l-irtirar tan-notifika, saret mingħajr skop f'dak li jikkonċerna l-għajnuna għar-ristrutturar ta' Ernault,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat implimentata minn Franza bħala għajnuna għar-ristrutturar favur Ernault u msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Jannar 2005, hija inkompatibbli mas-suq komuni safejn din inżammet wara l-14 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 2

1. Franza għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tirkupra mingħand il-benefiċjarju tagħha l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 u li tpoġġiet għad-dispożizzjoni ta' tali benefiċjarju b'mod illegali.

2. L-irkupru għandu jseħħ minnufih skond il-proċeduri tal-liġi nazzjonali, safejn dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva ta' din id-deċiżjoni preżenti. Is-somom li jridu jiġu rkuprati jinkludu l-interessi mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sad-data ta' l-irkupru effettiv tagħhom. Għall-perjodu bejn l-14 ta' Diċembru 2006, id-data ta' l-irtirar tan-notifika tal-pjan ta' ristrutturar, u d-data ta' l-irkupru effettiv ta' l-għajnuna, l-interessi huma kkalkolati skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 794/2004 [6].

[4] ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

[5] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[6] ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

Artikolu 3

Il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat, miftuħa bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Settembru 2006 (miżura Ċ 32/2005), għandha tingħalaq wara l-irtirar tan-notifika tat-23 ta' Mejju 2005.

Artikolu 4

Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni f'terminu ta' xahrejn min-notifika ta' din id-deċiżjoni, bil-miżuri ppjanati u diġà implimentati sabiex tikkonforma ma' l-Artikoli 1 u 2. Hija għandha tforni din l-informazzjoni billi timla' l-kwestjonarju li jinsab fl-anness.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Informazzjoni rigward l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' April 2007 dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru N 575/04 implimentata minn Franza favur Ernault, kif ukoll il-miżura Nru C 32/2005 (ex N 250/05) imsemmija fil-proċedura fuq il-bażi ta' l-Artikolu 88.2 tat-Trattat

1. **Kalkolu ta' l-ammont li għandu jiġi rkuprat**

1.1 Jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni li ġejja dwar l-ammont ta' l-għajnuna mogħtija illegalment lill-benefiċjarju:

Data(i) tal-hlas (°)	Ammont ta' l-għajnuna (*)	Munita	Identità tal-benefiċjarju

(°) Data (/i) li fiha (/fihom) l-għajnuna (jew il-hlasijiet individwali ta' l-għajnuna) tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju (fejn il-miżura kontenzjuża tikkonsisti fi hlasijiet separati, jekk jogħġbok indika dawn it-trasferimenti f'linji separati).
(*) Ammont ta' l-għajnuna mpoġġi għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju (ekwivalenti tas-sussidju gross)

Kummenti:

1.2 Jekk jogħġbok ippreċiża b'mod dettaljat kif ser ikunu kkalkolati l-interessi li għandhom jitħallsu fuq l-ammont ta' l-għajnuna li għandu jiġi rkuprat.

2. **Miżuri proposti u miżuri implimentati diġà biex tiġi rkuprata l-għajnuna**

2.1 Jekk jogħġbok ippreċiża liema huma l-miżuri ppjanati u dawk li diġà ttieħdu biex tiġi rkuprata l-għajnuna immedjatament u b'mod effettiv. Jekk jogħġbok indika wkoll, jekk ikun il-każ, il-bażi ġuridika li fuqha dawn il-miżuri huma msejsa/ser jissejsu.

2.2 F'liema data ser ikun imwettaq totalment l-irkupru ta' l-għajnuna?

3. **Rkupru diġà mwettaq**

3.1 Jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni li ġejja rigward l-ammont(i) ta' l-għajnuna li diġà kien(u) s-suġġett ta' rkupru mingħand il-benefiċjarju:

Data(i) (°)	Ammont ta' l-għajnuna rkuprata	Munita	Identità tal-benefiċjarju

(°) Data (/i) li fiha (/fihom) l-għajnuna ġiet rimborżata

3.2 Jekk jogħġbok issottometti d-dokumenti relatati li juru biċ-ċar ir-rimborż ta' l-ammonti ta' l-għajnuna indikati fit-tabella li tinsab fil-punt 3.1.